*GURISDIZZJONI IN REM*

*ART 742 B U 742D TAL-KAP 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA*

*ART 50(M) TAL-KAP 234 TAL-LIGIJIET TA' MALTA*

*ART 836(1)(D) U (F) TAL-KAP 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit. .**

**Illum, it-Tnejn il-6 ta' Marzu 2017**

**Rikors Numru : 115/2017 LSO : fl-ismijiet**

**Rikors ghal revoka ta' mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar 'il fuq minn ghaxar metri Numru 134/2017 fl-ismijiet: -**

**Dr Cedric Mifsud (ID 196979M) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Thevenin & Ducrot**

**vs**

**Il-Bastiment M.Y. Vicky**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tal-Kaptan Pieter Ferriera ghan-nom u in rapprezentanza tal-bastiment M.Y. Vicky ipprezentat fit-8 ta' Frar 2017 li permezz tal-istess talab ir-revoka tal-mandat ta' Arrest tal-bastiment imsemmi numru 134/2017 fit-termini tal-**artikolu 836(1) (d) u/jew (f) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili**

Illi r-rikorrent ippremetta li l-bastiment huwa registrat fil-Cayman Islands, proprjeta' ta' kumpannija Continental Maritime Limited, registrata f'Gibilta.

Illi l-pern tat-talba jikkonsisti f'allegat nuqqas ta' gurisdizzjoni *in rem* tal-Qrati taghna fuq il-bastiment fit-termini tal-**artikolu 742B u 742D tal-Kap 12** meta nhareg il-mandat.

L-intimat ezekuntant oppona ghat-talba billi sostna li hemm relazzjoni guridika bejn l-istess socjeta' u s-sidien tal-bastiment dwar il-bejgh tal-*gasoil* in kwistjoni. Ghalkemm il-fatturi gew mahruga lill-Mastco Group, dawn saru *in bona fede* u bi ftehim mal-bastiment.

Issottometta wkoll li fil-kundizzjonijiet generali tal-bejgh jinsab espressament iddikjarat li f'kaz fejn il-hlas tal-*gasoil* ma jsirx fiz-zmien pattwit, il-venditur, ossia s-socjeta' ezekutanti, zzomm id-dritt ta' proprjeta' fuq il-prodott mibjugh. Huwa jghid li peress li l-bastiment ghad ghandu fil-pussess tieghu l-proprjeta` tas-socjeta' ezekutanti, din ta' l-ahhar ghandha d-dritt li tezercita' azzjoni *in rem* skont il-Ligi.

Inoltre minghajr pregudizzju, eccepixxa jekk ir-relazzjoni kuntrattwali kienet bejn is-socjeta' ezekutanti u l-Mastco Group AG, allura l-kreditu huwa wiehed privileggjat skont l**-artikolu 50(m) tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta** billi Mastco Group AG hija *fuel trader* u ghaldaqstant agixxiet bhala agent awtorizzat tal-bastiment M/Y Vicky.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija azzjoni mahsuba biex jithassar il-Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar kawtelatorju numru 134/17 mahrug fis-27 ta' Jannar 2017 fl-ismijiet premessi in kawtela tas-somma ta' €196,417.04 rapprezentanti provvisti ta' *gasoil* supplit lill-imsemmi bastiment M.Y. Vicky bejn Lulju u Awwissu 2016.

### Konsiderazzjoni ta' Dritt:

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-**artikolu 836 (1)(d), u (f) tal-Kap 12** li jipprovdu:

*"836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatroju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.”*

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed 'prima facie' u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP 7 ta’ Frar 2001 (**“Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd.”**).

Illi ghandu jinghad ukoll li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f’dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwar.  L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma ezami x’aktarx formali ta’ l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka.  Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b’mod abbuziv.  (Ara Kumm. GMA 23 ta’ Gunju 1994: **“Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et”**).  Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t’ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta’ pretensjoni.  Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b’leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti.  (“**Vincent Mercieca vs George Galea**” – P.A. (RCP) 29 ta’ Novembru 2001; **“Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited”** - P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2007).

**Konsiderazzjonijiet Applikabbli ghall-kaz odjern**

Mhuwiex ikkontestat li l-bastiment huwa registrat fl-esteru, proprjeta' ta' socjeta' wkoll registrata fl-esteru. Id-divergenza bejn il-

kontendenti tirrigwarda r-relazzjoni guridika bejn il-fornitur tal-*gasoil* (Thevanin & Ducrot) u l-bastiment M.Y. Vicky jew is-sidien taghha. L-esistenza ta' rabta kuntrattwali hija essenzjali sabiex tigi radikata l-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna fil-kaz odjern. Ir-rikorrent isostni, da parti tieghu, li l-ordni ta' xiri tal-*gasoil* saret mis-sidien tal-bastiment direttament lis-socjeta' Mastco Group AG li tagixxi bhala *fuel trader.* Dan sehh fi Franza qabel mal-bastiment wasal f'Malta u inoltre huma hallsu l-prezz fl-intier tieghu direttament lill-Mastco Group AG - fatt li mhuwiex ikkontestat mill-intimat ezekutant.

Bhala fatt inkontestat jirrizulta wkoll li Mastco Group AG akkwista iz-zejt sabiex dan jigi supplit lill-bastiment tramite s-servizzi ta' *broker - Easy Bunker* - minghand is-socjeta' Thevenin & Ducrot li hija s-socjeta' ezekutanti fuq il-mandat imsemmi.

Illi r-rikorrent isostni li s-sidien tal-bastiment ma dahhlu fl-ebda rabta kuntrattwali ma’ Thevenin & Ducrot u l-unika relazzjoni guridika li kellha kienet mas-socjeta' Mastco Group AG. Isegwi li kwalasiasi ftehim bejn Mastco Group u Thevenin jikkostitwixxi ghaliha *res inter alios acta* - sottomissjoni li hija kkontestata mill-intimat.

Illi l-partijiet ma dahhlux fl-ezami tal-artikli ccitati tal-Kap 12 u l-applikabilita' taghhom ghall-kaz odjern billi kkoncentraw fuq il-kwistjoni ta' gurisdizzjoni *in rem*.

Madanakollu din il-Qorti tipprecisa li skont l-**artiklu 789(1) b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ,** att gudizzjarju huwa null jekk l-att jinhareg minn Qorti li mhiex kompetenti. Tali nullita' li qed tigi sollevata hawn *ex officio* lanqas hija sanabli fit-termini tal-proviso ghall-artiklu imsemmi.

**L-Artikolu 836(1)(d).**

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, r-raguni indirizzata fl-**artikolu 836(1)(d)** hija wahda sostantiva li torbot il-kawzali tal-mandat mal-ammont pretiz. Il-kwistjoni sollevata fil-kaz odjern hija ta' natura procedurali u, in kwantu tindirizza l-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna, hija wkoll ta' ordni pubbliku. Ghalhekk l-a**rtikolu 836(1)(d) mhuwiex applikabbli.**

**L-Artikolu 836(1)(f).**

Illi l**-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12** jipprospetta r-revoka f'kaz li mhuwiex aktar ragjonevoli li l-mandat jibqa' fis-sehh.

Illi din il-Qorti kif diversament preseduta fil-kaz "**Spiteri vs Darmanin**" – P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni ta' dan is-subartiklu u rriteniet: "*illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, **wara l-hrug ta' mandat**, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh."* (Ara **"Dr. Tonio Fenech noe. Vs Dr. Patrick Spiteri et noe.** – P.A. (GC) ta' Awwissu 2001). Din it-tifsira tohrog mill-kliem *'jinzamm*' u *'mhuwiex aktar mehtieg'* li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz."

Illi fil-kaz fl-ismijiet "***Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea"*** tad-29 ta' Lulju 2005, din il-Qorti  kif diversament presjeduta, fl-analiżi tagħha tas-subartikolu 836(1)(f) iċċitat il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Mandat:

*"Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltá tal-persuna li tkun talbitu"*;

Ikkonsidrat li f'kaz li din il-Qorti ssib li ma hemmx bazi *prima facie* sabiex tigi murija rabta kuntrattwali bejn il-kontendenti, tonqos l-ewwel element fuq indikat u cioe` *pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat.*

Hawnhekk taghmel taghha r-ragunament moghti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Electro Fix Limited v Electro Fix Energy Limited** *(*PA (AE) - dec. fis-27 ta' Marzu 2013) fejn il-Qorti rriteniet hekk:

"*Ghalkemm hemm provvedimenti tal-Qrati li jghidu li l-paragrafu (f) tal-Artikolu 836(1) japplika jekk isehh xi zvilupp wara li jigi pprezentat l-att kawtelatorju, din il-Qorti m'hix daqstant konvinta li dan hu l-kaz fir-rigward ta' dik il-parti tal-provvediment li taqra 'jekk jintwera li fic-cirkoztanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju".* Il-Qorti rragunat li *"l-mandati ta' sekwestru normalment jinhargu minghajr indagni u ghalhekk dan il-provvediment jaghmel sens in kwantu li jaghti l-opportunita' li l-Qorti tara li jekk fil-kaz partikolari li jkollha quddiemha huwiex ragjonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh."*

Multo magis jekk jigi ppruvat in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti li tkun harget il-mandat.

**Gurisdizzjoni *in rem***

Ikkonsidrat li l-Qrati Civili ta' Malta ghandhom gurisdizzjoni *in rem* kontra bastiment skont dak provvdut fl-artikoli **742B u 742D tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Ghal dak li jirrigwarda t-talba odjerna **l-artikolu 742B (o)** jiddisponi:

***"742B.*** *Bla ħsara ta' fejn il-liġi espressament tiddisponi xort'oħra, il-qrati ċivili f'Malta għandhom ġurisdizzjoni in rem kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi li ġejjin:*

*- omissis-*

*(o) kull pretensjoni rigward merkanzija, materjal, proviżjonijiet, bunkers, provvisti u neċessitajiet forniti lil vapur għat-tħaddim, immaniġġar, żamma u manutenzjoni tiegħu;..."*

Madanakollu skont kif provvdut fl-**artikolu 742D tal-Kap 12 :**

***"742D.*** *Ħlief għal dawk il-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu jseħħu l-bejgħ volontarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgħ, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(d) sa (y), azzjoni in rem tista' ssir fil-qrati ċivili ta' Malta kontra:-*

*(a) dak il-vapur jew bastiment, fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni in personam ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew*

*sid benefiċjarju ta' dak il-vapur jew in-noleġġatur taħt bareboat charter ta' dak il-vapur;*

*(b) kull bastiment ieħor li tiegħu, fiż-żmien meta tinġieb azzjoni, il-persuna rilevanti tkun is-sid jew is-sid benefiċjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

**L-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap 234)**

L-**artikolu 50(m) tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta** gie invokat in linea sussidjarja mill-intimat odjern. Dan is-subartikolu jiddisponi:

***50.*** *Il-krediti speċifikati hawn taħt jiġu garantiti permezz ta' privileġġ speċjali fuq il-bastiment kif ukoll fuq kull dħul minn xi indennizz li jinħoloq minn kolliżjonijiet u disgrazzji oħra magħdud kull dħul mill-assigurazzjoni:*

*- omissis-*

*(m) il-flus li jkollhom jieħdu il-kredituri għal proviżjonijiet, ħwejjeġ ta' ikel, armament u armar, qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu:*

*Iżda dan il-privileġġ ma jgħoddx jekk id-dejn ma jkunx ġie magħmul direttament minn sid il-bastiment jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid;"*

Applikati dawn il-principji, jirrizulta mid-dokumenti esebiti li x-xiri taz-zejt gie ikkuntrattat mis-sidien tal-bastiment direttament mal-Mastco Group AG, u li l-prezz gie saldat direttament ma' din is-socjeta'. Ir-rikorrent esebixxa zewg fatturi rilaxxjati mis-socjeta' Mastco Oil lil M/Y Vicky & Owners, datati rispettivament il-21 ta' Lulju 2016 u t-22

ta' Awwissu 2016 bl-istipulazzjoni tal-prezz u data ta' konsenja kif ukoll istruzzjonijiet dwar il-pagament. Esebixxa wkoll dokument li juri li l-prezz thallas **(DOK D).**

Fil-fehma ta' din il-Qorti s-socjeta' ezekutanti ma ssoddisfatx il-piz ta' prova li jinkombi fuqha dwar l-involviment tal-bastiment fin-negozju imsemmi fil-kuntrattar tal-bejgh. L-intimat ezekutant esebixxa affidavit ta' Sylvie Fossato, impjegata tal-istess socjeta b'turija li l-karatteristici taz-zejt gew maqbula mar-rapprezentanti tal-bastiment f'dan il-kaz, mac-*Chief Engineer* li kellu bzonn verifika bil-miktub. Issenjala wkoll il-fatt li l-Fuels Bunker Receipts gew ittimbrati mill-bastiment in mertu filwaqt li l-Bunker Delivery Note giet iffirmata mic-Chief Engineer. Esebixxa wkoll dokument iehor fejn jghid li l-kliem miktubin "Charge Vicky" hija prova ohra in sostenn tat-tezi tieghu.

Dwar id-*delivery notes* l-fatt li d-*delivery notes* gew iffirmati minn rapprezentanti tal-bastiment ma jrendix il-bastiment partecipi fin-negozjati bhala kontraenti. Id-*delivery note* fih innifsu huwa biss prova tal-konsenja.

Illi fl-affidavit taghha Sylvie Fossato tibda billi tghid li "*On Monday 18th July 2016 … I received a request to know what would be our best offer to supply the M.Y. Vicky...I certify that I sent the following information....".*

Madanakollu la tghid minghand min irceviet it-talba u lanqas lil min baghtet l-informazzjoni - zewg elementi essenzjali ghall-prova imqar *prima facie* tat-tezi tal-intimat odjern.

Dwar l-involviment tal-bastiment hi tghid li:

"*Before placing the order, the Manager or other agent appointed by the beneficial Owner, the Master of the Boat or the Chief Engineer must validate and approve the product characteristics.... On the next day Tuesday 19th July 2016 at 11.07 I was notified that the Chief Engineer on board VICKY needed written confirmation that the Flashpoint (FP) of the product was greater than or equal to 60"C...*"

Jigi notat li ma gewx esebiti komunikazzjonijiet rigwardanti l-ordni li x-xhud irceviet u minn min. Gew esebiti ukoll il-kondizzjonijiet tal-bejgh minghajr, izda, indikazzjoni tal-kontraenti ikkoncernati.

**L-Artikolu 50(m) tal-Kap 234**

Illi lanqas ma gie ppruvat *prima facie* li Mastco Group AG kienet qed tagixxi bhala mandatarja tal-bastiment, jew bhala agent tal-istess. Din il-prova wkoll tinkombi fuq l-intimat ezekutant. Ma hemm l-ebda presunzjoni li Mastco kienet qed tagixxi bhala agent jew mandatarja tal-M.Y. Vicky jew tas-sidien taghha.

Fid-dawl ta' dan kollu premess din il-Qorti taqbel li l-Qorti ma kellhiex il-gurisdizzjoni fit-termini tal-artikolu 742 B u 742D tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex izzomm il-bastiment permezz tal-Mandat imsemmi. Effettivament dan jrendi l-mandat null u bla effett .

Illi ghalkemm in-nullita' tal-mandat ma gietx invokata *espressis verbis,* din in-nullita hija konsegwenzjali ghall-kawzali dedott mir-rikorrent nomine u giet trattata ampjament mid-difensuri tal-partijiet. In kwantu li l-gurisdizzjoni hija kwistjoni ta' ordni pubbliku, din il-Qorti ghaldaqstant ghandha d-dmir li tissolleva n-nuqqas ta' gurisdizzjoni *ex officio* anke fejn dan ma giex sollevat mill-partijiet, u jsegwi li m'ghandhiex hlief tikkonsidra l-mandat null.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba u tirrevoka l-mandat ta' arrest kawtelatorju ta' bcejjec tal-bahar numru 134/2017 AF kif premess minnhabba n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat odjern Ezekutant.**

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**6 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Marzu 2017**